L-Erbgħa, 18 ta' Diċembru 2019

P9_TA(2019)0096

Elezzjoni tal-Ombudsman Ewropew

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2019 li teleġi l-Ombudsman Ewropew (2019/2042(INS))

(2021/C 255/26)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 24 u l-Artikolu 228 tiegħu,

— wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom tiegħu tad-9 ta' Marzu 1994 rigward ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq ta' l-obbligi ta' l-Ombudsman ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 231 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra s-sejħa għan-nominazzjonijiet ([2]),

— wara li kkunsidra l-vot tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2019,

1. Jeleġi lil Emily O'REILLY biex isservi bħala Ombudsman Ewropew sat-tmiem tal-leġislatura;

2. Jitlob lil Emily O'REILLY biex tieħu ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex id-deċiżjoni annessa tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Ġustizzja.

([1]) ĠU L 113, 4.5.1994, p. 15.
([2]) ĠU C 293, 30.8.2019, p. 1.

L-Erbgħa, 18 ta' Diċembru 2019

ANNESS

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-18 ta' Diċembru 2019

li taħtar l-Ombudsman Ewropew

IL-PARLAMENT EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 24 u l-Artikolu 228 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom tiegħu tad-9 ta' Marzu 1994 rigward ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq ta' l-obbligi ta' l-Ombudsman [1],

Wara li kkunsidra l-Artikolu 231 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

Wara li kkunsidra s-sejħa għan-nominazzjonijiet [2],

Wara li kkunsidra l-vot tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2019,

IDDEĊIEDA:

li jeleġi lil Emily O'REILLY biex isservi bħala Ombudsman Ewropew sat-tmiem tal-leġislatura.

Magħmula fi Strasburgu, fit-18 ta' Diċembru 2019

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

D. M. SASSOLI

[1] ĠU L 113, 4.5.1994, p. 15.
[2] ĠU C 293, 30.8.2019, p. 1.